**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 9/2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**
**-Vs-**
**EMAN EBEJER**

**Illum, 9 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **EMAN EBEJER** ta' 34 sena, bin Joseph u Mary nee' Zammit, imwieled Pieta fil-25 ta' Awwissu 1985, minghajr indirizz fiss, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 439685M li tressqet quddiemha akkużat talli:-

Fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 ta' Jannar 2020 ġewwa Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u f'dawn il-gżejjer, minn gewwa vending machine ikkometta attentat ta' serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezz u bil-valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37) ghad-detriment tad-ditta Kinniew u/jew persuni u/jew entita ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u

accidentali mil-volonta u/jew ir-reat ma sehhx minhabba illi taghli imputat ikun waqaf min rajh bi ksur tal-artikoli 41(a), art 41(b), art 271(g), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara li tammonta ghal aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) dan ghad-detriment tad-ditta Kinnie, u jew antita' jew persuni ohra.

Aktar talli fil-lejn ta' bejn il-5 u 6 a' Jannar 2020 gewwa JAV Service Station Triq l-Imdina, Hal-Qormi, u f'dawn il-gzejjer, minn gewwa vending machine ikkommetta attentat ta' serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bil-mezz u l-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro (€232.37) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment tad-ditta Simmonds Farsons Cisk u/jew persuni u/jew entita ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta u/jew ir-reat ma sehhx minhabba illi tali impuat ikun waqaf min rajh bi ksur tal-Art. 41(a), Art 41(b), Art. 270, Art. 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) u dan ghad-detriment tad-ditta Simmonds Farsons Cisk, u jew entita' jew persuni ohra.

Aktar talli fil-lejn ta' bejn il-5 u 6 ta' Jannar 2020 gewwa vending machine li tinsab gewwa Triq Marju Pace Hal-Qormi, u f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezz ghad-detriment tad-ditta General Soft Drinks u/jew persuni u/jew entita' ohra.

Aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) dan ghad-detriment tad-ditta General Soft Drinks u jew entita' jew persuni ohra.

Aktar talli fil-lejn ta' bejn il-5 u 6 ta' Jannar 2020 minn gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi meta kien arrestat skont il-ligi, harab minn gewwa l-istess Ghassa meta kien mizmum skont til-ligi.

Aktar talli nhar it-23 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tal-22:00hrs fi Triq Santa Marija, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer minn gewwa mutur ikkommetta serq, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Diane Fenech u/jew persuni ohra.

Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkommetta reat waqt ordni ta' probation ghal tlett snin, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Gabriella Vella nhar id-9 ta' Dicembru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Art. 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2022 fejn, għall-finijiet tal-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 20, 31, 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278 (1)(2)(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 20, 31, 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264
4. Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 20, 261(b)(f), 263, 264, 265, 266, 270, 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 20, 31, 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Fl-artikoli 23 u 24 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-14 ta' Settembru 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli b'erba' kapi ta' serq aggravat jew attentat ta' serq aggravat, kif ukoll b'akkużi ta' ħsara volontarja, liema delitti għajr wieħed seħħew ilkoll fil-lejl bejn il-5 u s-6 ta' Jannar 2020. Ġie mixli wkoll bħala riċediv u li kkommetta dawn ir-reati waqt li kien taħt Ordni ta' Probation.

**<u>Serq mill-vending machine ġewwa Triq Marju Pace, Ħal Qormi</u>**

Mix-xhieda[1] jirriżulta illi meta PS 1284, Ian Caruana, kien fuq ronda ta' bil-lejl flimkien ma' P.C. 1329 fil-ħin tal-12.30 a.m. fis-6 ta' Jannar 2020, innotaw li l-vending machine

[1] Xhieda ta' PS 1284 Ian Caruana u PC 1329 Kevin Schembri, 4 ta' Frar 2020.

tax-xorb ġewwa Triq Marju Pace, Ħal Qormi, liema magna tinsab viċin l-istabbiliment bl-isem Ta' Ganza, kien imdawwar u kellu wkoll il-bieba tiegħu sgassata. Meta waqfu, raw persuna tistaħba wara l-vending machine, liema persuna identifikat ruħha bħala Eman Ebejer li ntgħaraf bħala l-imputat odjern[2]. Huwa kellu fliexken tal-Gatorade f'idejh u f'baskett iswed li kien qed iġorr, fejn instab ukoll flus fl-ammont ta' €25.47. L-imputat kien poġġa l-fliexken kollha li kien ħareġ mill-vending machine lura fil-maga fuq struzzjonijiet tal-Pulizija[3].

Mix-xhieda tal-istess żewġ uffiċjali tal-Pulizija jirriżulta wkoll illi wara li ġie interċettat jisraq mill-magna in diżamina, l-imputat ġie arrestat u eskortat lejn l-Għassa ta' Ħal Qormi fejn hemmhekk, huwa qal li kien ħalla r-rota li kien qed juża, ħdejn il-vending machine fi Triq Marju Pace, u talab li din tinġieb minn fuq il-post. P.S. 1284 Ian Caruana ikkonferma li kien sab rota tad-ditta BMX fuq il-post, liema rota kienet mingħajr seat.

Il-Qorti tosserva illi l-imputat Eman Ebejer jintgħaraf sew fil-filmat Dok. AF1[4] u fil-fotogrammi li nħarġu mill-istess filmat mill-espert ġudizzjarju[5], fejn jidher jisgassa l-magna b'lieva u jidher ukoll ir-rota li kien qed isuq meta wasal fuq il-post u kollox magħdud, il-Qorti tqis l-provi jistabbilixxu b'mod inkonfutabbli l-ħtija tal-imputat għal din is-serqa.

Kif taraha l-Qorti, l-imputat ikkommetta d-delitt ta' serq ikkonsmat, u mhux biss it-tenattiv tad-delitt u dan għaliex tabilħaqq huwa riskontrabbli l-element tal-*contrectatio*, konsistenti fl-ispostament illegali tal-fliexken minn posthom ġewwa l-magna għal ġol-baskett tiegħu, irrispettivament mill-fatt li in segwitu kien poġġihom lura f'posthom.

---

[2] Intgħaraf ukoll minn PC 1329 Kevin Schembri.

[3] Diane Curmi, is-sid ta' Ta' Ganza Supermarket, xehdet illi l-magna tappartjeni lill-kumpannija General Soft Drinks, iżda l-kontenut tal-magna u l-flus kienu tagħha. Din il-magna kienet sabitha vojta wara l-isgass iżda kkonfermat li ma setax kien hemm iktar minn €15 jew €18 b'kollox fil-magna.

[4] Ara wkoll xhieda ta' Diane Curmi, 23 ta' Settembru 2020.

[5] Dr. Stephen Farrugia Sacco, Dok. SFS1 – fotogrammi Dok. B1.

Iżda filwaqt li huwa ppruvat li d-delitti ġew kommessi bil-lejl, il-valur tal-ħaġa misruqa ma ġiex ipprovat, u ħadd ma xehed dwar il-valur tal-fliexken li nstabu fil-pussess tal-imputat meta ġie interċettat jisraq mill-vending machine ħdejn l-istabbiliment Ta' Ganza. Huwa minnu li fil-pussess tal-imputat dak il-ħin instabu wkoll flus kontanti f'total ta' €25.47 iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dan il-flus ittieħed minn ġewwa l-magna. Huwa minnu wkoll illi Diane Curmi xehdet li ma setax kien hemm iktar minn €15 jew €18 fil-magna dak il-ħin iżda l-Qorti tqis illi l-aħjar prova tal-ammon tal-flus li nsterqu mill-magna kienet tkun il-prova tal-ammont li attwalment kien hemm fil-magna fil-ħinijiet qabel id-delitt, prova li madankollu hija waħda diffiċli biex tinġieb fil-prattika, u fil-fatt ma saritx. Għalhekk il-kwalifika tal-valur ma ġiex ippruvata kif imiss.

Christopher Briffa in rappreżentanza tal-kumpannija General Soft Drinks xehed illi l-vending machine li kien imwaħħal barra l-istabbiliment Ta' Ganza Superamrket, tant kien ġarrab ħsara illi l-ispejjeż biex dan jissewwa, fis-somma ta' iktar minn €3,000, kienu jeċċedu l-ispiża biex tinxtara magna ġdida; għalhekk inxtrat magna ġdida għall-prezz ta' €2,600 liema prezz ma jinkludix it-trasport tal-magna mill-esteru[6].

Ikkunsidrat;

Lura għall-arrest tal-imputat minn PS 1284 u PC 1329: l-istess PC 1329 Kevin Schembri xehed illi meta l-imputat kien arrestat ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi fejn l-istess PC 1329 kien ingħata struzzjonijiet minn PS 1284 biex jibqa' skorta miegħu waqt li dan tal-aħħar kien mar iġib ir-rota tal-imputat, l-imputat kien ta s-salt u ħarab minn ġewwa l-Għassa billi ħareġ mill-bieb tal-Għassa li dak il-ħin kien miftuħ. PC 1329 telaq jiġi warajh u tah ordni biex jieqaf iżda ma kienx obda u baqa' ma nstabx.

Fir-rigward, l-imputat ġie mixli u l-Avukat Ġenerali indika fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, ir-reat maħsub fl-artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali. Din id-dispożizzjoni

[6] Ara Dok. CB2.

legali tirregola l-ħarba ta' persuni, miżmuma skont il-liġi, minn lok maħtur għall-kustodja tagħhom u tagħmel riferenza wkoll, *inter alia*, għall-artikolu 151 li jiddisponi:-

*Kull ikkundannat u kull priġunier ieħor li jinsab ħati ta' ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena.*

Għaldaqstant, stabbilit li l-imputat li kien arrestat ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi u kien taħt il-kustodja ta' PC 1329, ħarab minn taħt il-kustodja tal-persuna li ġiet inkarigata mill-kustodja tiegħu, għandu jinsab ħati tar-reat ta' ħarba minn post ta' kustodja.

**<u>Attentat ta' serq minn vending machine ta' JAV Service Station, Mdina Road, Ħal Qormi</u>**

Mill-provi jirriżulta li James Meli, il-proprjetarju ta' JAV Service irrapporta fl-Għassa ta' Ħal Qormi fis-6 ta' Jannar 2020 illi l-magna tax-xorb fl-istess stabbiliment, di proprjeta' ta' Simmonds Farsons Cisk, kien ġie sgassat fil-lejl ta' qabel[7]. PS 1482 Bjorn Schembri xehed illi meta eżamina l-filmati li ġew elevati mill-cameras tas-sigurta' tal-istabbiliment, jirriżulta illi l-isgass sar għall-ħabta tal-9.45 p.m. fejn fil-filmat jidher persuna maskili liebes l-iswed, b'beritta fuq rasu u żarbun tad-ditta Nike, javviċina l-magna u jipprova jisgassaha b'biċċa ħadida. Din il-persuna tidher ukoll li kienet qed tuża rota żgħira. PS 1482 Bjorn Schembri xehed illi din ir-rota kienet simili għar-rota li kien għadu kif ra fl-Għassa qabel telaq biex jinvestiga r-rapport ta' James Meli. Huwa xehed illi meta in segwitu huwa qabbel ir-rota li kien hemm fl-Għassa mar-rota li tidher fil-filmat, ikkonferma li dawn kienu identiċi.

Għalkemm jidher li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma pproduċietx bħala prova l-filmat li ttieħed mill-camera tas-sigurta' tal-istabbiliment JAV Service Station u li dwaru xehed

---

[7] Ara rapport Dok. BS1.

PS 1482 Bjorn Schembri, il-Qorti tqis li dan in-nuqqas m'huwiex fatali għall-prova li kien l-imputat Eman Ebejer li kkommetta l-attentat tas-serq mill-magna tax-xorb li kien hemm barra l-imsemmi stabbilment.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"… a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery (Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident (Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible,* ***so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action'*** *(Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479)."* [8]

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-identifikazzjoni tar-rota mill-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija fil-filmat hija ammissibbli u għandha tingħata valur probatorju minkejja l-fatt illi l-filmat baqa' ma ġiex prodott bħala prova.

Fil-każ in diżamina l-Qorti għandha quddiemha x-xhieda ta' uffiċjal tal-Pulizija li mhux biss ra rota fil-filmat, iżda kien f'pożizzjoni li jqabbel din ir-rota fiżikament mar-rota li kien quddiemu fl-Għassa tal-Pulizja. Għalhekk, l-identifikazzjoni li saret minnu tar-rota tal-imputat fil-filmat li huwa xehed li kien ra, għandha tingħata piż. *Multo magis* magħdud dan il-fatt illi l-attentat ta' serq sar fl-istess lejl biss ftit sigħat qabel l-imputat inqabad quddiem l-istabbiliment Ta' Ganza Supermarket, jisraq minn vending machine ieħor fejn kien ukoll b'rota.

[8] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

James Meli xehed illi ma kien insteraq xejn minn ġewwa dan il-vending machine u l-ħsara li kien sar fiha kienet ġiet imsewwija minnufih għaliex kienet minima. Kemm hu hekk, ix-xhud lanqas spjega x'tip ta' ħsara ġarrbet il-magna u f'liema parti, filwaqt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq rappreżentant ta' Simmonds Farsons Cisk biex jixhed dwar il-ħsara u l-ispejjeż tat-tiswija u konsegwentement, fin-nuqqas ta' prova tajba dwar xi ħsara li setgħet ġiet ikkġonata fil-magna, l-imputat mhux sejjer jinsab ħati tal-imputazzjoni relattiva dwar ir-reat taħt l-artikolu 325(1) tal-Kap. 9.

Fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li fiċ-ċirkostanzi ftit li xejn hemm dubju li l-imputat ipprova jisgassa l-vending machine biex jisraq minn ġo fiha xi fliexken jew flus - bl-istess mod li għamel ħsara fil-vending machine tal-istabbiliment Ta' Ganza Supermarket biss ftit tal-ħin wara, fejn instab joħroġ il-fliexken minn ġo fiha - u dan it-tentattiv li ssir il-ħsara fil-magna jikkostitwixxi l-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt ta' serq, id-dubju dwar ir-raġuni l-għala ma ġiex ikkonsmat id-delitt għandu jibbenefika minnu l-imputat. Dan billi jiġu applikati fil-konfront tiegħu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41(1)(b) tal-Kap. 9 li jipprovdi illi jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi. Konsegwentement, filwaqt li l-imputat sejjer jinsab ħati tal-attentat tad-delitt ta' serq mill-vending machine ġewwa Triq San Edwardu, Ħal Qormi, mhux sejjer jingħata piena għaliex l-atti li wettaq ma ġiex ippruvat li jikkostitwixxu delitt.

**<u>Attentat ta' Serq minn ġewwa vending machine fi Triq San Edwardu, Ħal Qormi</u>**

Il-provi jistabbilixxu illi fis-6 ta' Jannar 2020 fil-għodu kien mar jirrapporta fl-Għassa ta' Ħal Qormi Christian Deguara, li kien jaħdem fil-ħanut 'FACT Phone Shop' li jinsab ġewwa Triq San Edwardu, Ħal Qormi, illi meta mar jiftaħ il-ħanut fis-6 ta' Jannar 2020 fil-għodu, kien sab li l-vending machine tal-Kinnie li jinsab barra l-istabbiliment kien ġie mċaqlaq u sgassat u kien fiha xi ħsarat[9].

[9] Ara xhieda ta' PS 1482 Bjorn Schembri u rapport tal-okkorrenza Dok. BS2

L-Ispettur Roderick Agius xehed illi huwa seta' jidentifika r-rota tal-imputat li kien ħalla fejn il-vending machine ta' Ta' Ganza Supermarket meta nqabad in flagrante jisraq minn ġewwa l-istess vending machine fis-6 ta' Jannar 2020 għall-ħabta tal-12.30h, bħala r-rota li kienet qed tinstaq mill-persuna li serqet minn ġewwa l-vending machine ġewwa Triq San Edwardu, Ħal Qormi. Xehed ukoll li r-rota, li ġiet elevata mill-Pulizija[10] setgħet tintgħaraf għaliex kellha roti partikolari u ma kellhiex seat u lanqas cables peress li ma kellhiex sistema ta' brejkijiet. Ikkonferma li dawn il-fattizzi kollha tar-rota li kienet qed tintuża mill-persuna li seraq mill-vending machine fil-ħinijiet bikrin ta' fil-għodu fis-6 ta' Jannar 2020 huma viżibbli fil-filmat tal-cameras tal-istabbiliment FACT ġewwa Triq San Edwardu, Ħal Qormi fejn din ir-rota tidher ċar.

PS 1483 Bjorn Schembri wkoll xehed fir-rigward ta' din is-serqa fejn qal li kien mar fuq il-post fejn apparti l-ħsarat fil-magna kien ukoll ra l-filmati tal-camera tas-sigurta'[11] u kkonferma illi fil-filmat huwa seta' jara mill-viċin ir-rota li kien qed juża l-ħalliel u identifikaha bħala "*mija fil-mija ir-rota ... li kienet l-Għassa ... din konna ċerti li hi*."

Il-Qorti tosserva illi anke fir-rigward ta' din is-serqa, ma ġiex esebit in atti l-filmat li xehed dwaru l-Ispettur Roderick Agius u PS 1482 iżda jgħoddu fir-rigward l-istess konsiderazzjonijiet li saru riferibbilment għall-filmat tas-serqa li saret mill-magna li kienet f'JAV Service Station. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-identifikazzjoni tar-rota li saret mill-uffiċjali tal-Pulizija minn fuq il-filmat tal-cameras tas-sigurta' tal-istabbilment Fact Phone Shop bħala r-rota li raw fiżikament fl-Għassa tal-Pulizija li, kif ġie stabbilit, hija r-rota li l-imputat kien qed juża fis-serqa mill-vending machine ġdejn Ta' Ganza Supermarket, hija mhux biss ammissibbli iżda wkoll fiha valur probatorju biżżejjed biex, miżmum ferm ukoll il-fatt li s-serqa saret fl-istess lejl ukoll minn vending machine, tikkonvinċiha illi l-imputat Eman Ebejer kien l-awtur tal-attentat ta' serq in diżamina.

---

[10] Ara ritratti tar-rota – Dok. RA4, Dok. RA5 u Dok. RA6, liema rota ġiet esebita formalment fl-1 ta' Marzu 2021.
[11] Ara rapport tal-okkorrenza Dok. BS2.

Neil Lofaro in rappreżentanza ta' Simmonds Farsons Cisk, kien mar fuq il-post u sab li l-vending machine kien ġie illievat mill-bieba, il-pjanċi kienu mgħawwġin u ma kienx hemm flus fih għalkemm il-fliexken kollha kienu għadhom f'posthom. Din il-magna kellha tiġi mibdula għaliex minħabba l-ispejjeż li kellhom jintefqu biex jissewwew il-ħsarat li ġarrbet kienu jeċċedu l-ispiża biex tinxtara oħra ġdida u għalhekk kien inxtara magna ġdida għall-prezz ta' €2,200.

Għalkemm mill-kumpless provi huwa eskluż li nsterqu xi fliexken tax-xorb mill-magna in diżamina, u ma ġiex ippruvat jekk il-magna kienx fiha xi flus qabel il-kommissjoni tad-delitt mill-imputat, kif diġa' ngħad il-filmat tas-serqa ma ġiex esebit fl-atti. Mankanti din il-prova huwa impossibbli li jiġi determinat, għall-fini tal-imputazzjoni dwar ir-reat ta' attentat ta' serq, ir-raġuni l-għala r-reat ma ġiex ikkonsmat: jekk id-delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati jew jekk il-ħati waqafx minn rajh milli jikkonsma d-delitt.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, filwaqt li fiċ-ċirkostanzi ftit li xejn hemm dubju li l-imputat għamel ħsara volontarja lill-vending machine biex jisraq minn ġo fiha xi fliexken jew flus - bl-istess mod li għamel ħsara fil-vending machine tal-istabbiliment Ta' Ganza Supermarket fl-istess lejl, fejn instab joħroġ il-fliexken minn ġo fiha - u huwa ppruvat ukoll illi l-ħsara li wettaq lill-vending machine in diżamina tikkostitwixxi l-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt ta' serq, id-dubju dwar ir-raġuni l-għala ma ġiex ikkonsmat id-delitt għandu jibbenefika minnu l-imputat. Dan billi jiġu applikati fil-konfront tiegħu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41(1)(b) tal-Kap. 9 li jipprovdi illi jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi. Konsegwentement, filwaqt li l-imputat sejjer jinsab ħati tal-attentat tad-delitt ta' serq mill-vending machine ġewwa Triq San Edwardu, Ħal Qormi, sejjer jingħata l-piena biss għall-ħsara volontarja li wettaq fl-istess magna.

**<u>Serq għad-dannu ta' Diane Fenech</u>**

Mill-provi jirriżulta illi fit-30 ta' Diċembru 2019 Diane Fenech kienet irrapportat lill-Pulizija fl-Għassa ta' Ħal Qormi illi bejn it-23 u l-24 ta' Diċembru 2019 kien insteraq saldatur minn ġewwa l-bagalja tal-mutur tagħha bin-numru ta' reġistrazzjoni XVR 750. Hija xehdet li kienet ipparkjat dan il-mutur fit-23 ta' Diċembru 2019 għall-ħabta tas-7 p.m. quddiem ir-residenza tagħha ġewwa Triq Santa Marija, Ħal Qormi u meta l-għada marret tagħmel użu mill-mutur sabet li xi ħadd kien ħa l-imsemmija għodda, li tiswa ċirka €100, minn ġewwa l-valiġġja tal-mutur, liema valiġġja ma tissakkarx. Hi kienet rat il-filmati tal-camera istallata mal-faċċata tar-residenza tagħha u nnotat li għall-ħabta tal-ħin tal-9.45 p.m. fit-23 ta' Diċembru 2019 deher persuna maskili liebes ġakketta checked, qalziet tat-tracksuit u barnuża li kellu wkoll baskett żgħir, li deher jiftaħ il-valiġġja tal-mutur. Ikkonfermat li wiċċ din il-persuna ma kienetx identifikabbli għaliex il-camera kienet maħmuġa dakinhar.

Minkejja dan, l-Ispettur Roderick Agius xehed illi kien għaraf lill-imputat Eman Ebejer fil-filmat tal-camera tar-residenza ta' Diane Fenech, anke għaliex ftit tal-ġimgħat qabel biss, kien arrestah fuq serqa oħra u kien xlieh quddiem il-Qorti. Il-Qorti fehmet illi din is-serqa l-oħra kienet is-serqa li kien ammetta l-ħtija dwarha Eman Ebejer (li għandu l-istess konnotati u numru tal-karta tal-identita' bħall-imputat odjern) u ngħata Ordni ta' Probation fid-9 ta' Diċembru 2019[12]. Sostna wkoll illi din l-identifikazzjoni tal-imputat għamilha wkoll għaliex ftit ġranet qabel kien iltaqa' mal-imputat ukoll meta kien qed jagħmel ronda ta' bil-lejl, fil-viċinanzi ta' Triq Santa Marija, Ħal Qormi fejn saret is-serqa mill-mutur ta' Diane Fenech, preċiżament fit-triq paralleli magħha, fejn huwa kien waqqaf lil Eman Ebejer u kien għamillu tfittxija. Sostna illi għalhekk, apparti l-fatt li seta' jagħrfu fil-filmat relattiv għaliex kien iltaqa' miegħu darbtejn fi ftit jiem fl-istess perijodu ta' żmien, l-imputat kien qed ikun fl-akkwati fejn insteraq l-għodda mill-mutur ta' Diane Fenech.

Il-Qorti m'hijiex sejra twarrab din l-identifikazzjoni tal-imputat u sejra tagħtiha valur probatorju, għaliex, kif osserva l-Blackstone f'Criminal Practice (2012 Ed.): -

[12] **Il-Pulizija (Spettur Roderick Agius) v. Eman Ebejer**, Dok. EG1.

*"... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...)."*

Dan għaliex:

"*Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible ...*"[13]

Fid-deċiżjoni **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"* [14].

Għalhekk, anke wara li l-Qorti nnifisha setgħet tikkostata li l-persuna li tidher fil-filmati pprovduti minn Diane Fenech għandha l-istess statura tal-imputat odjern kif ukoll tidher liebsa l-istess żarbun[15] li kien liebes l-imputat meta wettaq is-serqa mill-vending machine barra l-istabbiliment Ta' Ganza Supermarket (żarbun iswed bil-pett abjad u logo 'Nike' abajd mal-ġenb)[16], hija konvinta li dan is-serq ġie kommess minn ħadd ħlief l-imputat odjern, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, iżda

---

[13] *R. vs. Caldwell and Dixon*, ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri.**

[14] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.

[15] Ara ritratt f'paġna 188 tal-atti tal-kawża, parti mir-relazzjoni Dok. SFS (Dok. B2).

[16] Ara ritratt f'paġna 152 tal-atti tal-kawża, parti mir-relazzjoni Dok. SFS (Dok. B1)

mhux ukoll bil-mezz għaliex ma sar ebda sgass jew ksur ieħor u lanqas l-użu ta' mfietaħ foloz.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bħala reċidiv taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

In sostenn ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni pproduċiet kopja awtentika bit-timbru tad-Deputat Reġistratur tas-segwenti sentenzi:

- sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' April 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eman Ebejer** (Dok. LZ1) liema sentenza ġiet esebita minn wieħed mill-uffiċjali prosekuturi fil-proċeduri relattivi, l-Ispettur Lydon Zammit[17] li identifika l-imputat odjern bħala l-ħati Eman Ebejer. Permezz ta' din is-sentenza l-ħati ġie kkundannat għoxrin xahar priġunerija u billi ma ġiex interpost appell mis-sentenza, din għandha titqies bħala finali u definittiva[18].
- Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eman Ebejer** (Dok. RA7), fejn il-ħati, li għandu l-istess konnotati u l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern, ċioe' 0439685M, ġie kkundannat sentejn priġunerija. Ġie ppruvat illi ma kienx ġie interpost appell minn din is-sentenza[19];
- Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eman Ebejer** (Dok. RA8), fejn il-ħati, li għandu l-istess konnotati u l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern, ċioe' 0439685M, ġie kkundannat tmintax-il xahar priġunerija, liema sentenza saret *res judicata*[20].

---

[17] Xhieda tal-31 ta' Mejju 2021.
[18] Xhieda tar-Reġsitratur tal-Qorti tal-25 ta' Lulju 2022.
[19] Xhieda tar-Reġsitratur tal-Qorti tal-25 ta' Lulju 2022.
[20] Xhieda tar-Reġsitratur tal-Qorti tal-25 ta' Lulju 2022..

Dan kollu magħdud ifisser illi huwa ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputat, li llum qed jinsab ħati li kkommetta diversi reati, ġie kundannat qabel għal delitti permezz tliet sentenzi ta' priġunerija effettiva. Għalhekk għandu jitqies bħala recidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9.

L-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Dan ifisser illi biex persuna titqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, jeħtieġ li jiġi ppruvat li (i) l-piena għad-delitt li dwaru l-persuna ġiet ikkundannata tkun ġiet skontata u (ii) il-persuna tikkommetti delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn meta ġiet skontata l-piena jekk iż-żmien tal-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin fil-każijiet l-oħra kollha.

Applikat dan għas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2013 fejn l-imputat odjern ġie kkundannat sentejn priġunerija (Dok. RA7), il-Qorti tosserva illi din is-sentenza kellha tiġi skontata sa mhux iktar tard mid-29 ta' Ottubru 2015. Dan ifisser illi meta ġew kommessi d-delitt li dwarhom qed tinħareġ dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tal-imputat, f'Diċembru 2019 u f'Jannar 2020 ma kienux laħqu għaddew ħames snin mid-data meta ġiet skontata s-sentenza. Għaldaqstant, l-imputat għandu jitqies ukoll bħala reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 289 tal-Kap. 9, ġie ppruvat permezz tal-kopja awtentikata tas-sentenzi kollha fuq imsemmija illi l-imputat diġa' instab ħati u ġie kundannat minn talanqas tliet darbiet qabel għar-reat ta' serq u għalhekk jikkonsegwi illi din sejra tkun ir-raba' kundanna tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi in sostenn tal-addebitu li l-imputat ikkommetta reati kriminali waqt li kien taħt Ordni ta' Probation, il-Prosekuzzjoni pproduciet bil-ġurament tar-Reġistratur tal-Qorti, kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Diċembru 2019[21], fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Roderick Agius) v. Eman Ebejer**, li permezz tagħha inħarġet Ordni ta' Probation fil-konfront tal-ħati, Eman Ebejer, li għandu l-istess konnotati inkluż l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern. Kif sewwa ġie sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni, iż-żmien li għalih ġiet maħruġa l-Ordni ta' Probation, m'huwiex imfisser b'mod ċar mis-sentenza għaliex din ingħatat, testwalment, "*għall-perijodu ta' tliet (3) mill-lum* ..." bl-indikazzjoni taż-żmien tkun evidentement nieqsa. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma pproduċietx id-digriet li fl-istess sentenza ingħad li ngħata bħala parti integrali tagħha u li fih ġew elenkati l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation sabiex jiġi stabbilit x'inhi l-kelma nieqsa u jekk l-Ordni ngħatatx għal tliet ijiem, tliet ġimgħat, tliet xhur jew tliet snin.

Madankollu, billi it-tieni proviso għall-artikolu 7(2) tal-Att tal-Probation jiddisponi li meta Ordni ta' Probation tiġi magħmula għal perjodu ta' inqas minn sena, "*dik l-ordni għandha titqies bħala ordni għal sena*" għall-Qorti huwa ovvju li ż-żmien tal-Ordni, anke jekk ingħatat għal tliet ijiem biss, kellu jitqies bħala Ordni għal mhux inqas minn sena. Peress li mill-provi jirriżulta li r-reati li dwarhom qed jinsab ħati l-imputat b'din is-sentenza, ġew kommessi biss ftit ġranet u ġimgħat wara li ġiet magħmula l-Ordni ta' Probation fid-19 ta' Diċembru 2019, jikkonsegwi li dawn ġew kommessi matul il-perijodu meta l-Ordni kienet fis-seħħ u għaldaqstant, isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation.

Ikkunsidrat;

[21] Ġie konfermat mix-xhieda tar-Reġsitratur tal-Qorti li ma kienx ġie interpost appell minn din is-sentenza.

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat għandu l-vizzju tad-droga liema vizzju jidher li ħakimlu ħajtu tant illi qatt ma rnexxielu jirrijabilita ruħu minkejja diversi opportunitajiet li ngħatawlu mill-qrati permezz ta' sanzjonijiet komunitarji kif ukoll taħt l-artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija). Kemm hu hekk, jirriżulta li ftit ġranet biss wara li ngħata Ordni ta' Probation bis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2019 (Dok. EG1), l-imputat ikkommetta serqa oħra u in segwitu, ftit inqas minn ġimagħtejn wara, sensiela ta' serqiet f'lejl wieħed. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti m'huwiex kandidat tajjeb biex jingħata xi sanzjoni oħra fil-komunita' u fi kwalsiasi każ, is-sanzjonijiet maħsuba taħt l-Att tal-Probation huma definittivament esklużi fil-każ tal-lum minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kap. 446 wara li ġie stabbilit li l-imputat ikkommetta reati matul il-perijodu ta' probation mogħti bis-saħħa tal-istess sentenza tad-9 ta' Diċembru 2019.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tar-reat taħt l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ħsara volontarja għad-detriment ta' Simmonds Farsons Cisk addebitata fir-raba' imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a)(b), 49, 50, 151, 160, 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 270, 271(g), 278(1)(2), 281(b), 289(1) u 325(1)(a)(b), issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu attentat ta' serq aggravat bil-ħin u bil-mezz, ħati tat-tieni imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni in kwantu attentat ta' serq aggravat bil-ħin u bil-mezz, kif ukoll ħati tal-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet kif ukoll li wettaq reat matul il-perijodu ta' probation taħt l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif addebitat fid-disa' imputazzjoni, u tal-addebitu tar-reċidiva u u tikkundannah tliet snin priġunerija effettiva.**

**Qiegħda wkoll tittratta mal-ħati, EMAN EBEJER, għar-reati li dwarhom ingħata ordni ta' Probation fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2019 u tikkundannah sena priġunerija effettiva u dan wara li rat l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation u l-artikoli 20, 41(1)(a), 49, 50, 270, 271(g), 281, 287 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas lil The General Soft Drinks Co. Limited is-somma ta' elfejn u sitt mitt Euro (€2,600) u lil Simmonds Farsons Cisk p.l.c. is-somma ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200), rappreżentanti kumpens għad-danni sofferti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat taħt l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali, fi żmien sitt (6) xhur. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju u d-dipendenza tiegħu fuq id-droga.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**